

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 40



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 58

16 ta' Frar 2015

Werdej

II Atti mhux leġiżlattivi

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

- | | |
|---|---|
| ★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/238 tal-10 ta' Frar 2015 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-aċċess għal bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tas-Seychelles għall-ilmijiet u r-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar tal-Majott, taħt il-ġurisdizzjoni tal-Unjoni Ewropea | 1 |
| ★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/239 tal-10 ta' Frar 2015 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe | 4 |

REGOLAMENTI

- | | |
|--|---|
| ★ Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/240 tad-9 ta' Frar 2015 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina | 7 |
|--|---|

DEĊIŻJONIJIET

- | | |
|---|----|
| ★ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/241 tad-9 ta' Frar 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina | 14 |
|---|----|

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI**DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/238****tal-10 ta' Frar 2015**

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-aċċess għal bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tas-Seychelles għall-ilmijiet u r-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar tal-Majott, taħt il-ġurisdizzjoni tal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) u 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Fil-11 ta' Lulju 2012, il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni 2012/419/UE⁽¹⁾ li temenda, b'effett mill-1 ta' Jannar 2014, l-istatus tal-Majott fir-rigward tal-Unjoni Ewropea. Minn dik id-data, il-Majott waqfet milli jkollha l-istatus ta' pajjiż u territorju extra-Ewropew u saret ikollha l-istatus ta' reġjun ultraperifiku tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
- (2) Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozoja, f'isem l-Unjoni, ftehim mar-Repubblika tas-Seychelles dwar l-aċċess, għal bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Repubblika tas-Seychelles, għall-ilmijiet u r-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar tal-Unjoni fiż-żona ekonomika esklussiva l'barra mill-kosta tal-Majott.
- (3) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-aċċess għall-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tas-Seychelles għall-ilmijiet u r-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar tal-Majott, taħt il-ġurisdizzjoni tal-Unjoni Ewropea ("il-Ftehim") ġie ffirmat skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/331/UE⁽²⁾ u huwa applikat b'mod provviżorju mill-20 ta' Mejju 2014.
- (4) Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt responsabbi mis-sorveljanza tal-applikazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, skont il-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' japprova ċerti modifikasi għal dan il-Ftehim. Bl-iskop li jiġu implementati dawn il-modifikasi, huwa xieraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa biex tapprovahom skont proċedura ssimplifikata.
- (5) Sabiex l-awtoritajiet fil-Majott jimplimentaw ir-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) mid-data li fiha l-Majott issir reġjun ultraperifiku, huwa meħtieġ li jiġu stabiliti qafas amministrattiv xieraq, attivitajiet ta' kontroll u l-infrastruttura fiżika, u li jsir provvediment għat-tiswir ta' kapaċità adegwata. Dan se jassisti fir-rigward tar-rekwiżit ta' konformità ma' obbligi ta' rapportar internazzjonali tal-Unjoni.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2012/419/UE tal-11 ta' Lulju 2012 li temenda l-istatus tal-Majott fir-rigward tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 204, 31.7.2012, p. 131).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/331/UE tal-14 ta' April 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-aċċess għall-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tas-Seychelles għall-ilmijiet u r-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar tal-Majott, taħt il-ġurisdizzjoni tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 167, 6.6.2014, p. 1).

(6) Għandhom jiġu provdu lill-awtoritajiet tas-sajd tal-Majott il-mezzi finanzjarji necessary permezz tat-tariffi li jithallu mis-sidien tal-bastimenti direttament lill-Majott. Tali soluzzjoni hija aktar xierqa billi żviluppat relazzjoni qawwija bejn il-flotta tas-Seychelles u l-Komunità lokali fir-reġjun ultraperifiku ta' Franza tal-Majott. Il-flotta tas-sajd li ttajjar il-bandiera tas-Seychelles operat fl-ilmijiet tal-Majott għal diversi snin permezz ta' arrangiamento bejn il-Majott u s-sidien tal-bastimenti, fejn is-sidien tal-bastimenti ħallsu tariffa tal-liċenzja lill-Majott biex jistadu filmijiet. Biex tinżamm din il-kontinwità tal-operazzjonijiet tas-sajd u l-benefiċċi sussegwenti għall-Majott, huwa xieraq li l-ħlasijiet kollha relatati ma' awtorizzazzjonijiet u qabdet taħt dan il-Ftehim jibbenefikaw direttament lill-komunità lokali fil-Majott.

(7) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-aċċess għall-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tas-Seychelles għall-ilmijiet u r-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar tal-Majott, taħt il-ġurisdizzjoni tal-Unjoni Ewropea huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni (¹).

Artikolu 2

1. Franza hija b'dan awtorizzata li tiġibor, għall-kont tar-reġjun ultraperifiku tagħha, il-Majott, il-pagamenti relatati mal-awtorizzazzjonijiet u l-qabdet u tariffe oħra dovuti minn operaturi ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tas-Seychelles b'konsiderazzjoni tal-għoti ta' aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar fl-ilmijiet tal-Unjoni 'l barra mill-kosta tal-Majott skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III, Taqsima 1, paragrafi 8 u 9 u t-Taqsima 2 tal-Anness tal-Ftehim. Dawk l-introjti għandhom jintużaw minn Franza għall-istabbiliment ta' qafas amministrattiv adegwaw, attivitajiet ta' kontroll, infrastruttura fiżika u l-provvediment ta' tiswir ta' kapaċità adegwata sabiex l-amministrazzjoni fil-Majott tissodisa r-rekwiżiti tas-PKS.

2. Franza għandha tipprovdi d-dettalji ta' dak il-kont bankarju lill-Kummissjoni.

3. Fl-aħħar ta' kull sena ta' implementazzjoni tal-Ftehim, Franza għandha tibgħat lill-Kummissjoni rapport dettaljat dwar il-pagamenti li jsiru mill-bastimenti awtorizzati li jistadu u dwar l-utilizzazzjoni ta' dawk il-pagamenti.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti, f'isem l-Unjoni, in-notifika prevista fl-Artikolu 19 tal-Ftehim (²).

Artikolu 4

Soġġett għad-dispożizzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbliti fl-Anness, il-Kummissjoni Ewropea hija b'dan mogħtija s-setgħa biex taprova, f'isem l-Unjoni, il-modifikasi magħmulin fil-Ftehim fil-Kunitat Konġunt.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2015.

*Għall-Kunsill
Il-President
E. RINKĒVIČS*

(¹) Il-Ftehim ġie ppubblikat fil-ĠUL 167, 6.6.2014, p. 4 flimkien mad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar.

(²) Id-data tad-dħul fis-seħħi tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

ANNESS

Ambitu tal-għoti tas-setgħa u l-proċedura għall-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt

1. Il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata tinnegozja mar-Repubblika tas-Seychelles u tiftiehem, fejn ikun xieraq u sakemm tkun konformi mal-paragrafu 3 ta' dan l-Anness, taqbel mal-modifikasi tal-Ftehim fir-rigward tal-kwistjonijiet li ġejjin:
 - (a) rivalutazzjoni u aġġustament tal-opportunitajiet tas-sajd b'konformità mal-Artikolu 9 tal-Ftehim;
 - (b) reviżjoni tad-dispożizzjonijiet tekniċi tal-Ftehim u tal-Anness, inkluża reviżjoni tar-regoli tekniċi dwar il-VMS skont il-punt 10 tal-Appendiċi 6 tal-Anness tal-Ftehim.
2. Fil-Kumitat Konġunt stabbilit taħt l-Artikolu 8 tal-Ftehim, il-Kummissjoni għandha:
 - (a) taġixxi f'konformità mal-ġħanijiet tal-Unjoni fi ħdan il-qafas tal-PKS;
 - (b) tkun konformi mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad- 19 ta' Marzu 2012 dwar Komunikazzjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-Politika Komuni tas-Sajd;
 - (c) tippromwovi pożizzjonijiet li huma konsistenti mar-regoli rilevanti adottati mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd.
3. Meta deċiżjoni dwar il-modifikasi għall-Ftehim imsemmija fil-paragrafu 1 hija prevista li tiġi adottata waqt Laqgħa tal-Kumitat Konġunt, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex il-pożizzjoni li għandha tiġi espressa fisem l-Unjoni, tieħu kont tal-informazzjoni l-aktar reċenti dwar l-istatistika, dik bijoloġika u informazzjoni rilevanti oħra mibgħuta lill-Kummissjoni Ewropea.

Għal dan il-għan u abbażi ta' dik l-informazzjoni, dokument preparatorju li jistabbilixxi d-dettalji tal-pożizzjoni prevista tal-Unjoni għandu jintbagħat mis-servizzi tal-Kummissjoni, fi żmien suffiċċenti qabel il-Laqgħa rilevanti tal-Kumitat Konġunt, lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħi għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni.

Jekk, matul laqgħat ulterjuri, inkluż dawk fuq il-post, ikun impossibbli li jintlaħaq qbil sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tieħu kont ta' elementi ġodda, il-kwistjoni għandha tiġi rreferuta lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħi.

Il-Kummissjoni hija mistiedna tieħu l-passi meħtieġa, fi żmien debitu, bħala segwit u għad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, inkluż, fejn adegwat, tippubblika d-deċiżjoni rilevanti f'il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea u tippreżenta kwalunkwe proposta meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-deċiżjoni.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/239

tal-10 ta' Frar 2015

dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 flimkien mal-punt (a) tat-tieni subparagraphu tal-Artikolu 218(6) u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Lulju 2007, il-Kunsill approva l-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé e Príncipe u l-Komunità Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“Ftehim ta' Sħubija”) billi adotta r-Regolament (KE) Nru 894/2007 (¹).
- (2) L-applikazzjoni tal-aħħar Protokoll (²) li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija skadet fit-12 ta' Mejju 2014.
- (3) L-Unjoni nnegożjat Protokoll ġdid mar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe, għal perjodu ta' erba' snin, li jagħti lill-bastimenti tal-Unjoni opportunitajiet ta' sajd fl-il-milijiet li fuqhom ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe għandha s-sovranità jew il-ġurisdizzjoni fir-rigward tas-sajd.
- (4) Dan il-Protokoll ġdid ġie ffirmat f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/334/UE (³) u għandu jiġi applikat provviżorjament mid-data tal-iffirmar tiegħu.
- (5) Il-Protokoll il-ġdid għandu jiġi approvat.
- (6) Il-Ftehim ta' Sħubija jistabbilixxi Kumitat Konġunt inkarigat li jissorvelja l-implementazzjoni ta' dan il-Ftehim. Barra minn hekk, f'konformità mal-Protokoll, il-Kumitat Konġunt jista' japprova ċerti modifiki għall-Protokoll. Bl-iskop tal-faċilitazzjoni tal-approvazzjoni ta' dawn il-modifiki, huwa xieraq li l-Kummissjoni tingħata s-setħha, taħt kondizzjonijiet speċifiċi, biex tapprova hom skont proċedura simplifikata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“Protokoll”) huwa approvat fisem l-Unjoni (⁴).

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti, fisem l-Unjoni, in-notifika prevista fl-Artikolu 15 tal-Protokoll (⁵).

(¹) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 894/2007 tat-23 ta' Lulju 2007 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé e Príncipe u l-Komunità Ewropea (ĠU L 205, 7.8.2007, p. 35).

(²) Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe (ĠU L 136, 24.5.2011, p. 5).

(³) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/334/UE tad-19 ta' Mejju 2014 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti bil-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 1).

(⁴) Il-Protokoll ġie ppubblikat fil-ĠU L 168, 7.6.2014, p. 3 flimkien mad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar.

(⁵) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll għandha tigħi ppubblikata f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 3

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet u l-kondizzjonijiet stipulati fl-Anness, il-Kummissjoni hija b'dan mogħtija s-setgħa li tapprova, f'isem l-Unjoni, il-modifiki li jsiru lill-Protokoll fil-Kumitat Konġunt.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2015.

Mill-Kunsill

Il-President

E. RINKĒVIČS

ANNESS

L-ambitu tas-setgħat mogħtija u l-proċedura għall-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt

1. Il-Kummissjoni hija awtorizzata li tinnegozja mar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Principe u, meta jixraq u suġġett għall-konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Anness, tapprova l-modifiki għall-Protokoll fir-rigward tal-kwistjoni nijiet li ġejjin:
 - (a) deċiżjoni dwar il-modalitajiet tal-appoġġ settorjali f'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll;
 - (b) adattament tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kondizzjonijiet tal-attivitajiet tas-sajd u l-modalitajiet tal-applikazzjoni tal-Protokoll u tal-Annessi f'konformità mal-Artikolu 5(2) tal-Protokoll.
2. Fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim tas-Sħubija fis-Settur tas-Sajd, l-Unjoni għandha:
 - (a) taġixxi f'konformità mal-objettivi li għandha l-Unjoni fi ħdan il-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd,
 - (b) tkun konformi mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2012 dwar il-Komunikazzjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-Politika Komuni tas-Sajd,
 - (c) tippromwovi pożizzjonijiet li huma konsistenti mar-regoli rilevanti adottati mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd.
3. Meta deċiżjoni dwar il-modifiki għall-Protokoll msemmija fil-paragrafu 1 hija prevista li tiġi addottata waqt laqgħa tal-Kumitat Konġunt, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex il-pożizzjoni li għandha tiġi espressa fisem l-Unjoni tieħu kont tal-informazzjoni l-aktar reċenti dwar l-istatistika, dik bijoloġika u informazzjoni rilevanti oħra mibgħuta lill-Kummissjoni.

Għal dan il-għan u abbażi ta' dik l-informazzjoni, dokument preparatorju li jistabbilixxi d-dettalji tal-pożizzjoni prevista tal-Unjoni għandu jintbagħat mis-servizzi tal-Kummissjoni, fi żmien suffiċċenti qabel il-laqgħa rilevanti tal-Kumitat Konġunt, lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni.

Il-pożizzjoni prevista tal-Unjoni fid-dokument preparatorju għandha titqies li ntlaħaq qbil dwarha, sakemm numru ta' Stati Membri ekwivalenti għal minoranza li timblokk ma joġeżżjonax waqt laqgħa tal-korp preparatorju tal-Kunsill jew fi żmien 20 ġurnata minn meta jkun wasal id-dokument preparatorju, skont liema data tinzerta l-ewwel. Fil-każ ta' ogħejżejj, il-kwistjoni għandha tintbagħħat lill-Kunsill.

Jekk, matul laqgħat ulterjuri, inkluż dawk fuq il-post, ikun impossibbli li jintlaħaq qbil sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tieħu kont ta' elementi ġodda, il-kwistjoni għandha tiġi rreferuta lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu.

Il-Kummissjoni hija mistiedna tieħu l-passi meħtieġa, fi żmien debitu, bħala segwitu għad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, inkluż li, fejn ikun il-każ, tippubblika d-deċiżjoni rilevanti f'il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea u tippreżenta kwalunkwe proposta meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dik id-deċiżjoni.

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/240

tad-9 ta' Frar 2015

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (2) Fid-dawl tal-gravità kontinwata tas-sitwazzjoni fuq il-post fl-Ukraina, il-Kunsill iqis li għandhom jiżdiedu persuni u entitajiet addizzjonali mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi kif stipulat fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 269/2014.
- (3) L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-persuni u l-entitajiet elenkti fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-16 ta' Frar 2015.

Għandu jiġi ppubblifikat f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Frar 2015.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI

(¹) ĠUL 78, 17.3.2014, p. 6.

ANNESS

Lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1**I. Persuni**

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
133.	Pavel DREMOV magħruf ukoll bħala Batya Павел ДРЕМОВ	Imwiedel fl-1976, Stakhanov	Kmandant tal- "First Cossack Regiment", grupp separatist armat involut fil-ġlied fil-Lvant tal-Ukraina. Fdin il-kapaċità huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina	16.2.2015
134.	Alexey MILCHAKOV magħruf ukoll bħala Fritz, Serb Алексей МИЛЬЧАКОВ	Imwiedel fl-1991, San Pietruburgu	Kmandant tal-unità "Rusich", grupp separatist armat involut fil-ġlied fil-Lvant tal-Ukraina. Fdin il-kapaċità huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.	16.2.2015
135.	Arseny PAVLOV magħruf ukoll bħala Motorola Арсений Сергеевич ПАВЛОВ (magħruf ukoll bħala Moto-rolo)	Imwiedel fit-2.2.1983, Ukhta, Komi	Kmandant tal- "Sparta Battalion", grupp separatist armat involut fil-ġlied fil-Lvant tal-Ukraina Fdin il-kapaċità huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.	16.2.2015
136.	Mikhail TOLSTYKH magħruf ukoll bħala Givi Михаил Толстых	Imwiedel fl-1980, Ilovaisk	Kmandant tal-battaljun "Somali", grupp separatist armat involut fil-ġlied fil-Lvant tal-Ukraina Fdin il-kapaċità huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina	16.2.2015
137.	Eduard BASURIN Эдуард Басурин		Hekk imsejjaħ "Viċi Kmandant" tal-Ministeru għad-Difiża tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk". Peress li assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.	16.2.2015

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
138.	Alexandr SHUBIN Александр Васильевич ШУБИН		<p>Hekk imsejjaħ “Ministru tal-Ġustizzja” tal-hekk imsejħa “Repubblika Popolari ta’ Luhansk” illegali.</p> <p>Peress li assuma u aġixxa f’din il-kapaċitā, huwa għaldaqstant appoġġa b’mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità terrijali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-pajjiż.</p>	16.2.2015
139.	Sergey LITVIN Сергей Анатольевич ЛИТВИН		<p>Hekk imsejjaħ “Viċi President tal-Kunsill tal-Ministri” tal-hekk imsejħa “Repubblika Popolari ta’ Luhansk”.</p> <p>Peress li assuma u aġixxa f’din il-kapaċitā, huwa għaldaqstant appoġġa b’mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità terrijali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.</p>	16.2.2015
140.	Sergey IGNATOV Сергей Юрьевич ИГНАТОВ		<p>Hekk imsejjaħ Kap Kmandant tal-Milizzja Popolari tal-hekk imsejħa “Repubblika Popolari ta’ Luhansk.”.</p> <p>Peress li assuma u aġixxa f’din il-kapaċitā, huwa għaldaqstant appoġġa b’mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità terrijali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-pajjiż.</p>	16.2.2015
141.	Ekaterina FILIPPOVA Екатерина Владимировна ФИЛИППОВА	Imwielda fl-20.11.1988 f’Krasnoarmišk	<p>Hekk imsejħa “Ministru għall-Ġustizzja” tal-hekk imsejħa “Repubblika Popolari ta’ Donetsk”.</p> <p>Peress li assumiet u aġixxiet f’din il-kapaċitā, hija għaldaqstant appoġġat b’mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.</p>	16.2.2015
142.	Aleksandr TIMOFEEV Александр ТИМОФЕЕВ	Imwieleed fis-27.1.1974	<p>Hekk imsejjaħ “Ministru għall-Baġit” tal-hekk imsejħa “Repubblika Popolari ta’ Donetsk”.</p> <p>Peress li assuma u aġixxa f’din il-kapaċitā, huwa għaldaqstant appoġġa b’mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità terrijali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-pajjiż.</p>	16.2.2015
143.	Evgeny MANUILOV Евгений Владимирович МАНУЙЛОВ		<p>Hekk imsejjaħ “Ministru għall-Baġit” tal-hekk imsejħa “Repubblika Popolari ta’ Luhansk”.</p> <p>Peress li assuma u aġixxa f’din il-kapaċitā, huwa għaldaqstant appoġġa b’mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità terrijali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.</p>	16.2.2015

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
144.	Viktor YATSENKO Виктор ЯЦЕНКО	Imwieleđ fit-22.4.1985 f Kherson	Hekk imsejjaħ "Ministru għall-Kommunikazzjoni" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donets". Peress li assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.	16.2.2015
145.	Olga BESEDINA Ольга Игорева БЕСЕДИНА		Hekk imsejħa "Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku u l-Kummerċ" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Luhansk". Peress li assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċità, hija għaldaqstant appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.	16.2.2015
146.	Zaur ISMAILOV Заур Исмаилов	Imwieleđ fl-1975, Krasny Luch, Voroshilovgrad Luhansk	Hekk imsejjaħ "Aġent Prosekurur Ġeneral" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Luhansk". Peress li assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.	16.2.2015
147.	Anatoly Ivanovich ANTONOV Анатолий Иванович Антонов	Imwieleđ fil-15.5.1955 f Omsk	Viċi Ministru għad-Difiża, u f'dik il-kapaċità, involut fl-appoġġ tal-iskjerament ta' truppi Russi fl-Ukraina. Skont l-istruttura attwali tal-Ministeru għad-Difiża Russi, f'dik il-kapaċità, huwa jipparteċċipa fit-tfassil u l-implementazzjoni tal-politika tal-Gvern Russi. Dawn il-politiki jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	16.2.2015
148.	Arkady Viktorovich BAKHIN Аркадий Викторович Бахин	Imwieleđ fit- 8.5.1956 f Kaunas, il-Litwanja	L-Ewwel Viċi Ministru għad-Difiża, u f'dik il-kapaċità, involut fl-appoġġ tal-iskjerament ta' truppi Russi fl-Ukraina. Skont l-istruttura attwali tal-Ministeru għad-Difiża Russi, f'dik il-kapaċità, huwa jipparteċċipa fit-tfassil u l-implementazzjoni tal-politika tal-Gvern Russi. Dawn il-politiki jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	16.2.2015

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
149.	Andrei Valeryevich KARTAPOLOV Андрей Валерьевич Картаполов	Imwield fid- 9.11.1963 fid-DDR	<p>Direttur tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet Princípali u viċi kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Fiż-żewġ kapaċitajiet huwa involut b'mod attiv fit-tfassil u l-implementazzjoni tal-kampanja militari tal-forzi Russi fl-Ukraina.</p> <p>Skont l-attivitajiet iddiċċjarati tal-persunal ġenerali, fl-eżerċizzju tal-kontroll operazzjoni fuq il-forzi armati, huwa involut b'mod attiv fit-tfassil u l-implementazzjoni tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.</p>	16.2.2015
150.	Iosif (Joseph) Davydovich KOBZON Иосиф Давыдович Кобзон	Imwield fil- 11.9.1937 f Tchassov Yar, l-Ukraina	<p>Membru tad-Duma tal-Istat.</p> <p>Huwa żar l-hekk imsejħa Repubblika Popolari ta' Donetsk u matul iż-żjara tiegħu għamel dikjarazzjoni jiet li jappoġġaw lis-separatisti. Huwa ġie maħtur ukoll Konslu Onorarju tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk" fil-Federazzjoni Russa.</p> <p>Fl-20 ta' Marzu 2014 huwa vvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonal Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-Repubblika tal-Krimea u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda — ir-Repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol".</p>	16.2.2015
151.	Valery Fedorovich RASHKIN Валерий Фёдорович Рашиkin	Imwield fil- 14.3.1955 fil-Kaliningrad Oblast, l-Unjoni Sovjetika.	<p>L-Ewwel Viċi President tal-Kumitat tad-Duma tal-Istat dwar kwistjonijiet Etniċi.</p> <p>Huwa l-fondatur tal-moviment ċiviku "Krassnaya Moskva — Red Moscow Patriotic Front Aid" li organizza dimostrazzjoni jiet pubbliċi li jappoġġaw is-separatisti, u b'hekk appoġġa politiki li jdugh fu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.</p> <p>Fl-20 ta' Marzu 2014 huwa vvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonal Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-Repubblika tal-Krimea u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda — ir-Repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol".</p>	16.2.2015

II. Entitajiet

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raqunijiet	Data tal-elenkar
29.	Gwardja Nazzjonali tal-Cossack Казачья Национальная Гвардия		<p>Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.</p> <p>Immexxi minn u għaldaqstant assoċjat ma' persuna elenkata Nikolay KOZITSYN</p>	16.2.2015
30.	Battaljun Sparta Батальон “Спарта”		<p>Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.</p> <p>Immexxi minn u għaldaqstant assoċjat ma' persuna elenkata Arseny PAVLOV.</p>	16.2.2015
31.	Battaljun Somali Батальон “Сомали”		<p>Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.</p> <p>Immexxi minn u għaldaqstant assoċjat ma' persuna elenkata Mikhail TOLSTYKH magħruf ukoll bħala Givi.</p>	16.2.2015
32.	Battaljun Zarya Батальон “Заря”		<p>Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.</p>	16.2.2015
33.	Brigata Prizrak Бригада “Призрак”		<p>Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.</p> <p>Immexxi minn u għaldaqstant assoċjat ma' persuna elenkata Oleksiy MOZGOVY</p>	16.2.2015
34.	Battaljun Oplot Батальон “Оплот”	Media soċjali: http://vk.com/oplot_info	<p>Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.</p>	16.2.2015
35.	Battaljun Kalmius Батальон “Кальмиус”		<p>Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.</p>	16.2.2015

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
36.	Battaljun tal-Mewt Батальон “Смерть”		Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.	16.2.2015
37.	Moviment Pubbliku “NOVOROSSIYA” Движение Новороссия		<p>Il-Moviment Pubbliku “Novorossiya”/“New Russia” ġie stabbilit f'Novembru 2014 fir-Russja u mmexxi mill-uffiċjal Russu Igor Strelkov (identifikat bħala membru tal-personal tal-Main Intelligence Directorate tal-Persunal Ġeneral tal-Forzi Armati tal-Federażjoni Russa (GRU)).</p> <p>Skont l-objettivi ddikjarati tiegħu, huwa għandu l-għan li jipprovd assistenza effettiva kompreksiva lin-“Novorossiya”, inkluż billi jgħin lill-milizzja li qed tiġġieled fil-Lvant tal-Ukraina, u b'hekk jappoġġa politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.</p> <p>Assoċjat ma' persuna elenkata li dgħajfet l-integrità territorjali tal-Ukraina.</p>	16.2.2015

DEĊIJONIJIET

DEĊIJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/241

tad-9 ta' Frar 2015

li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tagħha,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (2) Fid-dawl tal-gravità kontinwata tas-sitwazzjoni fuq il-post fl-Ukraina, il-Kunsill iqis li għandhom jiżdiedu persuni u entitajiet addizzjonal mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi, kif stipulat fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (3) L-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuni u l-entitajiet elenkti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-16 ta' Frar 2015.

Għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Frar 2015.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI

(¹) ĠUL 78, 17.3.2014, p. 16.

ANNESS

Il-lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1

I. Persuni

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-eLENKAR
133.	Pavel DREMOV magħruf ukoll bħala Batya Павел ДРЕМОВ	Imwieleq fl-1976, Stakhanov	Kmandant tal- "First Cossack Regiment", grupp separatist armat involut fil-ġlied fil-Lvant tal-Ukraina. Fdin il-kapaċità huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina	16.2.2015
134.	Alexey MILCHAKOV magħruf ukoll bħala Fritz, Serb Алексей МИЛЬЧАКОВ	Imwieleq fl-1991, San Pietrburgu	Kmandant tal-unità "Rusich", grupp separatist armat involut fil-ġlied fil-Lvant tal-Ukraina. Fdin il-kapaċità huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.	16.2.2015
135.	Arseny PAVLOV magħruf ukoll bħala Motorola Арсéний Сергеевиç ПÁВЛОВ (magħruf ukoll bħala Moto- róla)	Imwieleq fit-2.2.1983, Ukhta, Komi	Kmandant tal- "Sparta Battalion", grupp separatist armat involut fil-ġlied fil-Lvant tal-Ukraina Fdin il-kapaċità huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.	16.2.2015
136.	Mikhail TOLSTYKH magħruf ukoll bħala Givi Михаил Толстых	Imwieleq fl-1980, Illovaisk	Kmandant tal-battaljun "Somali", grupp separatist armat involut fil-ġlied fil-Lvant tal-Ukraina Fdin il-kapaċità huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina	16.2.2015
137.	Eduard BASURIN Эдуард Басурин		Hekk imsejjaħ "Viċi Kmandant" tal-Ministeru għad-Difiża tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk". Peress li assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.	16.2.2015

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-el恩kar
138.	Alexandr SHUBIN Александр Васильевич ШУБИН		Hekk imsejjaħ "Ministru tal-Ġustizzja" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Luhansk" illegali. Peress li assuma u aġixxa f'din il-kapaċită, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità terrijali, is-sovranită u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-pajjiż.	16.2.2015
139.	Sergey LITVIN Сергей Анатольевич ЛИТВИН		Hekk imsejjaħ "Viċi President tal-Kunsill tal-Ministri" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Luhansk". Peress li assuma u aġixxa f'din il-kapaċită, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità terrijali, is-sovranită u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.	16.2.2015
140.	Sergey IGNATOV Сергей Юрьевич ИГНАТОВ		Hekk imsejjaħ Kap Kmandant tal-Milizzja Popolari tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Luhansk". Peress li assuma u aġixxa f'din il-kapaċită, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità terrijali, is-sovranită u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-pajjiż.	16.2.2015
141.	Ekaterina FILIPPOVA Екатерина Владимировна ФИЛИППОВА	Imwielda fl-20.11.1988 f'Krasnoarmēisk	Hekk imsejħa "Ministru għall-Ġustizzja" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk". Peress li assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċită, hija għaldaqstant appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità, is-sovranită u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.	16.2.2015
142.	Aleksandr TIMOFEEV Александр ТИМОФЕЕВ	Imwieleed fis- 27.1.1974	Hekk imsejjaħ "Ministru għall-Baġit" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk". Peress li assuma u aġixxa f'din il-kapaċită, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità terrijali, is-sovranită u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-pajjiż.	16.2.2015
143.	Evgeny MANUILOV Евгений Владимирович МАНУЙЛОВ		Hekk imsejjaħ "Ministru għall-Baġit" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Luhansk". Peress li assuma u aġixxa f'din il-kapaċită, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità terrijali, is-sovranită u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.	16.2.2015

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elencar
144.	Viktor YATSENKO Виктор ЯЦЕНКО	Imwieleđ fit-22.4.1985 f'Kherson	Hekk imsejjaħ "Ministru għall-Kommunikazzjoni" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk". Peress li assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.	16.2.2015
145.	Olga BESEDINA Ольга Игорева БЕСЕДИНА		Hekk imsejħa "Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku u l-Kummerċ" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Luhansk". Peress li assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċità, hija għaldaqstant appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.	16.2.2015
146.	Zaur ISMAILOV Заур Исмаилов	Imwieleđ fl-1975, Krasny Luch, Voroshilovgrad Luhansk	Hekk imsejjaħ "Aġent Prosekuratur Ġeneral" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Luhansk". Peress li assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.	16.2.2015
147.	Anatoly Ivanovich ANTONOV Анатолий Иванович Антонов	Imwieleđ fil-15.5.1955 f' Omsk	Viċi Ministru għad-Difiża, u f'dik il-kapaċità, involut fl-appoġġ tal-iskjerament ta' truppi Russi fl-Ukraina. Skont l-istruttura attwali tal-Ministeru għad-Difiża Russi, f'dik il-kapaċità, huwa jipparteċċipa fit-tfassil u l-implementazzjoni tal-politika tal-Gvern Russi. Dawn il-politiki jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	16.2.2015
148.	Arkady Viktorovich BAKHIN Аркадий Викторович Бахин	Imwieleđ fit-8.5.1956 f' Kaunas, il-Litwanja	L-Ewwel Viċi Ministru għad-Difiża, u f'dik il-kapaċità, involut fl-appoġġ tal-iskjerament ta' truppi Russi fl-Ukraina. Skont l-istruttura attwali tal-Ministeru għad-Difiża Russi, f'dik il-kapaċità, huwa jipparteċċipa fit-tfassil u l-implementazzjoni tal-politika tal-Gvern Russi. Dawn il-politiki jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	16.2.2015

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
149.	Andrei Valeryevich KARTAPOLOV Андрей Валерьевич Картаполов	Imwield fid-9.11.1963 fid-DDR	<p>Direttur tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet Princípali u viċi kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Fiż-żewġ kapaċitajiet huwa involut b'mod attiv fit-tfassil u l-implementazzjoni tal-kampanja militari tal-forzi Russi fl-Ukraina.</p> <p>Skont l-attivitajiet iddiċċjarati tal-persunal ġenerali, fl-eżerċizzju tal-kontroll operazzjoni fuq il-forzi armati, huwa involut b'mod attiv fit-tfassil u l-implementazzjoni tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.</p>	16.2.2015
150.	Iosif (Joseph) Davydovich KOBZON Иосиф Давыдович Кобзон	Imwield fil-11.9.1937 f Tchassov Yar, l-Ukraina	<p>Membru tad-Duma tal-Istat.</p> <p>Huwa żar l-hekk imsejħa Repubblika Popolari ta' Donetsk u matul iż-żjara tiegħu għamel dikjarazzjoni jiet li jappoġġaw lis-separatisti. Huwa ġie maħtur ukoll Konslu Onorarju tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk" fil-Federazzjoni Russa.</p> <p>Fl-20 ta' Marzu 2014 huwa vvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-Repubblika tal-Krimea u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda — ir-Repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol".</p>	16.2.2015
151.	Valery Fedorovich RASHKIN Валерий Фёдорович Рашик	Imwield fl- 14.3.1955 fil-Kaliningrad Oblast, l-Unjoni Sovjetika.	<p>L-Ewwel Viċi President tal-Kumitat tad-Duma tal-Istat dwar kwistjonijiet Etniċi.</p> <p>Huwa l-fondatur tal-moviment ċiviku "Krassnaya Moskva — Red Moscow Patriotic Front Aid" li organizza dimostrazzjoni jiet pubbliċi li jappoġġaw is-separatisti, u b'hekk appoġġa politiki li jdugh fu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.</p> <p>Fl-20 ta' Marzu 2014 huwa vvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-Repubblika tal-Krimea u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda — ir-Repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol".</p>	16.2.2015

II. Entitajiet

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
29.	Gwardja Nazzjonali tal-Cossack Казачья Национальная Гвардия		<p>Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovränità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.</p> <p>Immexxi minn u għaldaqstant assoċjat ma' persuna elenkata Nikolay KOZITSYN</p>	16.2.2015
30.	Battaljun Sparta Батальон “Спарты”		<p>Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovränità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.</p> <p>Immexxi minn u għaldaqstant assoċjat ma' persuna elenkata Arseny PAVLOV.</p>	16.2.2015
31.	Battaljun Somali Батальон “Сомали”		<p>Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovränità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.</p> <p>Immexxi minn u għaldaqstant assoċjat ma' persuna elenkata Mikhail TOLSTYKH magħruf ukoll bħala Givi.</p>	16.2.2015
32.	Battaljun Zarya Батальон “Заря”		<p>Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovränità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.</p>	16.2.2015
33.	Brigata Prizrak Бригада “Призрак”		<p>Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovränità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.</p> <p>Immexxi minn u għaldaqstant assoċjat ma' persuna elenkata Oleksiy MOZGOVY</p>	16.2.2015
34.	Battaljun Oplot Батальон “Оплот”	Media soċjali: http://vk.com/oplot_info	<p>Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovränità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.</p>	16.2.2015
35.	Battaljun Kalmius Батальон “Кальмиус”		<p>Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovränità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.</p>	16.2.2015

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
36.	Battaljun tal-Mewt Батальон “Смерть”		Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukraina.	16.2.2015
37.	Moviment Pubbliku “NOVOROSSIYA” Движение Новороссия		<p>Il-Moviment Pubbliku “Novorossiya”/“New Russia” ġie stabbilit f'Novembru 2014 fir-Russja u mmexxi mill-uffiċjal Russu Igor Strelkov (identifikat bħala membru tal-personal tal-Main Intelligence Directorate tal-Persunal Ĝeneralni tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (GRU)).</p> <p>Skont l-objettivi ddikjarati tiegħu, huwa għandu l-għan li jipprovd assistenza effettiva kompreksiva lin-“Novorossiya”, inkluż billi jgħin lill-milizzja li qed tiġġieled fil-Lvant tal-Ukraina, u b'hekk jappoġġa politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.</p> <p>Assoċjat ma' persuna elenkata li dgħajfet l-integrità territorjali tal-Ukraina.</p>	16.2.2015

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgo
IL-LUSSEMBURGU

MT